DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR181137** **22.05.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Petizzjoni online favur il-protezzjoni tal-embrijun***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia qiegħed jippubblika din l-istqarrija għall-istampa b'referenza għall-ilmenti li dehru fuq is-*social media* u fil-ġurnali *online* dwar l-iffirmar tal-petizzjoni favur il-protezzjoni tal-embrijun li bħalissa tinsab miftuħa għall-firem fuq is-sit elettroniku tal-Parlament.

Mill-istħarriġ li għamlet is-Sedja jidher li l-problemi nqalgħu wara li Google aġġornaw is-sistema tagħhom – magħrufa bħala "ReCaptcha" – li tintuża fuq bosta siti elettroniċi bħala protezzjoni minn *spam*. Din tipprovdi dak li nirreferu għalih bħala *Turing test* li minnu s-sistema tagħraf jekk il-firmatarju huwiex persuna reali jew xi *software* miktub sabiex jabbuża mis-sistema.

Sfortunatament, meta nhar il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 2018 saru l-*updates* relattivi fis-sistema tal-petizzjonijiet *online* b'rabta mal-bidla li saret min-naħa ta' Google, inqabżu xi aċċertamenti li rriżultaw fi problemi għal dawk il-persuni li ppruvaw jiffirmaw kemm din il-petizzjoni kif ukoll oħrajn li kienu għadhom miftuħa għall-firem. Is-sistema reġgħet ġiet għan-normal ilbieraħ filgħodu.

Mill-istess stħarriġ li sar jirriżulta li sal-ħin li ħarġet din l-istqarrija l-petizzjoni ġiet iffirmata min 8601 maqsuma kif ġej:

| Data | Firem |
|---|---|
| 6 April – 8 April | 433 |
| 9 April – 15 April | 3743 |
| 16 April – 22 April | 3460 |
| 23 April – 29 April | 823 |
| 30 April – 6 Mejju | 111 |
| 7 Mejju – 13 Mejju | 10 |
| 14 Mejju – 22 Mejju | 21 |

L-Ispeaker Farrugia jieħu din l-okkażjoni sabiex jinforma lill-pubbliku li fir-rigward tal-kwistjoni ta' firem doppji, qiegħda bħalissa tintbagħat *email* lil kull persuna konċernata fejn tingħata informazzjoni dettaljata dwar kull tentattivi li sar minn dik il-persuna biex tiffirma kif ukoll dwar liema tentattiv ġie fil-fatt aċċettat mis-sistema.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**